Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,280, 15 ta' Ottubru, 2019

Taqsima B

A.L. 268 tal-2019

ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għal Installazzjonijiet Stazzjonarji tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 28 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għall-Ambjent, l-Iżvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema Kummerċjali għal Installazzjonijiet Stazzjonarji tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolament dwar Skema Kummerċjali għal Installazzjonijiet Stazzjonarji tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 423.50.

Jissostitwixxi t-titolu prinċipali tar-regolamenti prinċipali.

2. It-titolu prinċipali tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"REGOLAMENTI DWAR SISTEMA KUMMERĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA DWAR L-EMISSJONIJIET TA' GASSIJIET SERRA GĦAL INSTALLAZZJONIJIET STAZZJONARJI".

Jissostitwixxi r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit kif ġej:

"1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar Sistema Kummerċjali tal-Unjoni Ewropea dwar l-Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra għal Installazzjonijiet Stazzjonarji".

" (2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu għall-implimentazzjoni f'Malta tas-sistema tal-Unjoni Ewropea ta' kummerċ ta' permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-attivitajiet elenkati fi Skeda 1 li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, għall-perjodu li jibda għaddej mill-1 ta' Jannar, 2013 u għal kull perjodi sussegwenti.

(3) Dawn ir-regolamenti jittrasponu:

- id-Direttiva 2003/87/KE;

- id-Direttiva 2004/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

- id-Direttiva 2008/101/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

- id-Direttiva 2009/29/KE li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

- id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;

- ir-Regolament (UE) 2017/2392 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE; u

- id-Direttiva (UE) 2018/410 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament – Malta" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Deċiżjoni (UE) 2015/1814" tfisser Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' kummerċ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva 2003/87/KE;";

(b) it-tifsira "Direttiva 2003/87/KE" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira li ġejja:

" "Direttiva 2003/87/KE" tfisser id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għal permess għall-emissjoni ta' gassijiet serra kummerċjali fil-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 2003/87/KE" għandhom jiżdiedu t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "Direttiva 2004/101/KE" tfisser Direttiva 2004/

101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-kummerċ ta' permessi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fir-rigward tal-mekkaniżmi tal-proġett tal-Protokoll ta' Kjoto;

"Direttiva 2008/101/KE" tfisser Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-kummerċ ta' permessi tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità;";

(d) minnufih wara t-tifsira "Direttiva 2009/31/KE" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva (UE) 2018/410" tfisser Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814;";

(e) minnufih wara t-tifsira "emissjonijiet" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "EU ETS" tfisser is-Sistema tal-Unjoni Ewropea għall-Kummerċ ta' Permessi tal-Emissjonijiet mwaqqfa mid-Direttiva 2003/87/EC;";

(f) it-tifsira "gassijiet serra" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "gassijiet serra" tfisser il-gassijiet elenkati fl-Iskeda 2 u kostitwenti gassuż oħra tal-atmosfera, kemm naturali u antropoġeniċi, li jassorbu u jerġgħu jarmu radjazzjoni *infra-red*;";

(g) it-tifsira "parteċipant ġdid" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira li ġejja:

" "parteċipant ġdid" tfisser kull installazzjoni li twettaq xi attività waħda jew aktar minn waħda elenkati fl-Iskeda 1, li tkun kisbet permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-ewwel darba fil-perjodu li jibda tlett xhur qabel id-data għas-sottomissjoni tal-lista skont ir-regolament 11, u li jispiċċa tlett xhur qabel id-data għas-

sottomissjoni tal-lista sussegwenti skont ir-regolament 11;";

(h) minnufih wara t-tifsira "Regolament (KE) Nru. 765/2008", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Ir-Regolament (UE) 2017/2392" tfisser Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021;"; u

(i) it-tifsira "reġistru tal-Unjoni" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira li ġejja:

" "reġistru tal-Unjoni" tfisser ir-reġistru stabbilit u miżmum kif previst fl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE għall-eżekuzzjoni ta' proċessi li jkollhom x'jaqsmu mal-manutenzjoni ta' kontijiet li jinżammu u l-allokazzjoni, ċessjoni u kanċellament ta' permessi; ".

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament li ġej:

"3. Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għal operaturi ta' installazzjonijiet stazzjonarji li jkunu jinsabu fit-territorju ta' Malta u li jkunu qegħdin iwettqu xi attività waħda jew aktar minn waħda elenkati fl-Iskeda 1 li tirriżulta f'emissjonijiet tal-gassijiet serra speċifikati rigward dawk l-attivitajiet fl-Iskeda 1, u għal kwalunkwe entitajiet ġuridiċi rilevanti oħra li fuqhom dawn ir-regolamenti jpoġġu kwalunkwe obbligi.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

6. Paragrafu (d) tas-subregolament (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(d) xi jkun il-materjal grezz u awżiljari, li meta jintuża f' attivitajiet elenkati fl-Iskeda 1 li jitwettqu fl-installazzjoni, x'aktarx iwassal għal emissjonijiet ta' gassijiet serra speċifikati fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet fl-Iskeda 1;".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit

b’dan li ġej:

"(1) L-Awtorità għandha toħroġ permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra li jkun jagħti awtorizzazzjoni għall-ħruġ ta’ gassijiet serra minn kull jew minn parti ta’ xi installazzjoni li dwarha ssir l-applikazzjoni għal permess, jekk din tkun sodisfatta li l-operatur tal-installazzjoni jkun jista’ jikkonforma ruħu mar-rekwiżiti ta’ dawn ir-regolamenti u mal-kondizzjonijiet tal-permess. Permess għandu jinħareġ fi żmien disgħin ġurnata mid-data meta l-Awtorità tkun irċeviet l-applikazzjoni li jkollha s-sett komplut ta’ informazzjoni skont is-subregolament (3) tar-regolament 5, kemm-il darba ma jiġix miftiehem xort’oħra bil-miktub bejn l-operatur u l-Awtorità."; u

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(4) L-Awtorità tista’, fi kwalunkwe ħin, tirrevedi permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra maħruġ lil operatur ta’ installazzjoni u tagħmel emendi fil-permess kif jitqies li jkun xieraq u toħroġ permess aġġornat:

Iżda għandha tinforma lill-operatur kopert mill-permess b’tali emendi kemm jista’ jkun kmieni qabel il-ħruġ ta’ permess aġġornat.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

8. Is-subregolament (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

" (1) L-operatur ta’ installazzjoni li jkun inħariġlu permess għal emissjonijiet tal-gassijiet serra għandu javża lill-Awtorità:

(a) b’kull bidla ppjanata fix-xorta jew fil-funzjonament tal-installazzjoni; jew

(b) b’kull estensjoni jew tnaqqis fil-kapaċità tal-installazzjoni; jew

(ċ) f’każ ta’ permess li jkun ikopri aktar minn installazzjoni waħda fuq l-istess sit operat mill-istess operatur, f’kull każ fejn xi installazzjoni waħda jew aktar itemmu milli jwettqu l-attivitajiet kollha elenkati fl-Iskeda 1 koperti mill-permess imma fejn l-operatur jibqa’ jwettaq mill-inqas attività waħda f’installazzjoni waħda taħt dak il-permess:

Iżda kull avviż bħal dak għandu jsir bil-miktub mill-inqas mija u għoxrin ġurnata qabel ma effettivament iseħħu dik il-bidla fin-natura jew funzjonament tal-installazzjoni, jew estensjoni jew tnaqqis fil-kapaċità tal-installazzjoni jew waħda jew aktar mill-installazzjonijiet jieqfu jwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Iskeda 1.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-Awtorità għandha tiddetermina l-kwantità ta' permessi taħt il-Kapitolu III liberi li għandhom jiġu allokati lil installazzjoni eliġibbli għal allokazzjoni libera ta' permessi taħt il-Kapitolu III konformement mad-Direttiva 2003/87/KE. Tali allokazzjoni għandha tiġi stabbilita skont id-Direttiva 2003/87/KE u deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE."

(b) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

"(7) L-Awtorità għandha, sat-30 ta' Settembru, 2019, tissottometti lill-Kummissjoni lista ta' installazzjonijiet koperti b'dawn ir-regolamenti għall-perjodu ta' ħames snin li jibda fl-1 ta' Jannar, 2021, inklużi allokazzjonijiet liberi kif determinati skont dan ir-regolament. L-Awtorità għandha tissottometti lill-Kummissjoni lista ta' installazzjonijiet għal kull perjodu sussegwenti ta' ħames snin kull ħames snin wara s-sottomissjoni msemmija hawn fuq."; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (7) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(8) L-Awtorità tista', fejn applikabbli, titlob lil operatur ta' installazzjoni informazzjoni li tqis xierqa konformement mad-deċiżjonijiet u r-regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni konformement mad-Direttiva 2003/87/KE.

(9) Wara l-approvazzjoni tal-Kummissjoni tal-listi sottomessi lill-Kummissjoni konformement mas-subregolament (7), l-Awtorità għandha tiżgura li l-listi ta' installazzjonijiet, inkluż kwalunkwe allokazzjoni libera

għal kull installazzjoni, jiġu ppublikati.".

10. Ir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(1) L-Awtorità għandha, sat-28 ta' Frar ta' kull sena, toħroġ l-ammont ta' permessi taħt il-Kapitolu III liberi li għandhom jiġu allokati għal dik is-sena lil kull installazzjoni inkluża fil-lista msemmija fis-subregolament (8) tar-regolament 11, kif stabbilit skont ir-regolament 11:

Iżda l-permessi allokati għal kull installazzjoni għandhom jinħarġu lill-operatur li jkollu kont miftuħ fir-rigward ta' dik l-installazzjoni skont ir-regolament 13:

Iżda wkoll ebda permessi ma għandhom jinħarġu għal installazzjoni li l-inklużjoni tagħha fil-lista msemmija fis-subregolament (8) tar-regolament 11 ma tkunx ġiet approvata mill-Kummissjoni.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Fejn –

(a) installazzjoni tkun waqqfet l-operati tagħha, sakemm l-operatur ma jurix lill-Awtorità li dik l-installazzjoni se terġa' tibda bil-produzzjoni fi żmien speċifikat u raġonevoli; jew

(b) permess ikun inbidel, skont ir-regolament 7, b'tali mod li ma jkunx għadu japplika għal xi installazzjoni; jew

(ċ) permess ikun ġie ċedut skont ir-regolament 9; jew

(d) permess ikun ġie revokat skont ir-regolament 10, l-Awtorità għandha tgħarraf lill-amministratur tar-reġistru nazzjonali. L-amministratur tar-reġistru nazzjonali għandu jiżgura li ma jinħarġu ebda permessi ulterjuri lill-operatur dwar xi installazzjoni soġġetta għal xi waħda mill-kondizzjonijiet taħt dan is-subregolament, għall-ewwel sena wara s-sena meta l-installazzjoni tkun

waqqfet l-operati tagħha, jew ikunu bdew iseħħu l-bidla fil-permess, jew iċ-ċessjoni tal-permess jew ir-revoka tal-permess tkun daħħlet fis-seħħ, u għal snin sussegwenti.";

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Permessi taħt il-Kapitolu III maħruġa skont is-subregolament (1) dwar il-perjodu li jibda mill-1 ta' Jannar, 2013 u perjodi sussegwenti jkunu validi b'mod indefinit. Permessi maħruġa mill-1 ta' Jannar, 20121 f'perjodu ta' għaxar snin jibqgħu validi għal emissjonijiet mill-ewwel sena ta' dak il-perjodu 'l quddiem."; u

(d) is-subregolamenti (5) u (6) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

11. Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Operatur ta' installazzjoni għandu jissottometti lill-Awtorità rapport annwali fuq l-emissjonijiet minn dik l-installazzjoni għal sena ta' monitoraġġ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Ir-rapport sottomess mill-operatur ta' installazzjoni skont is-subregolament (2) għandu jiġi vverifikat minn verifikatur skont:

(a) il-prinċipji stabbiliti fl-Iskeda 4; u

(b) deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE; u

(ċ) kwalunkwe rekwiżiti oħra magħmula mill-Awtorità fir-rigward ta' verifika ta' rapporti annwali dwar l-emissjonijiet minn installazzjonijiet.

Il-verifikatur għandu joħroġ rapport ta' verifika.";

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(4) Rapport ta' verifika għandu jiġi sottomess mill-operatur ta' installazzjoni lill- Awtorità ma' rapport annwali dwar l-emissjonijiet sottomess. L-operatur għandu jniżżel l-ammont ta' emissjonijiet irrapportat fir- rapport annwali dwar l-emissjonijiet ivverifikat għal-sena ta' moniteraġġ fir-Reġistru tal-Unjoni, sal-31 ta' Marzu tas-sena sussegwenti."; u

(d) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(6) L-operatur ta' installazzjoni li r-rapport annwali fuq l-emissjonijiet tiegħu għandu jiġi vverifikat għandu jinnotifika lill-Awtorità u lill-Bord Nazzjonali dwar l-Akkreditament (Malta) bid-data u l-post ippjanati għall-verifika u bl-identità tal-verifikatur li jkun se jagħmel il-verifika, sa mhux aktar tard minn tletin ġurnata qabel id-data meta għandha ssir il-verifika.".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

12. Ir-Regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) L-Awtorità għandha, abbażi tal-informazzjoni inkluża fir-rapport annwali fuq l-emissjonijiet u r-rapport ta' verifika ppreżentati skont ir-regolament 16 u l-verifiki tagħha nnifisha, mingħajr dewmien bla bżonn, tiddetermina jekk tistax taċċetta r-rapport tal-emissjonijiet annwali. L-Awtorità ma għandhiex taċċetta rapport tal-emissjonijiet annwali li ma jkunx ġie verifikat bħala sodisfaċenti jew li dwaru ma jkunx ġie sottomess ir-rapport ta' verifika. L-Awtorità għandha tgħarraf lill-operatur, bil-miktub jew b'mezzi oħra dokumentati, bid-deċiżjoni tagħha. Meta tqis li jkun hekk meħtieġ, l-Awtorità tista' titlob li jiġi sottomess rapport annwali rivedut dwar l-emissjonijiet. Ir-rapport annwali rivedut dwar l-emissjonijiet għandu jiġi vverifikat skont ir-regolament 16. Fejn hu neċessarju, l-operatur għandu ukoll jaġġorna l-ammont ta' emissjonijiet imniżżla fir-Reġistru tal-Unjoni.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(3) Fejn, dwar kwalunkwe sena ta' moniteraġġ,

operatur ta' installazzjoni ma jippreżentax rapport verifikat dwar l-emissjonijiet annwali skont ir-regolament 16, jew meta jitqies li l-operatur ma jkunx issottometta rapport annwali dwar l-emissjonijiet li jkun skont ir-rekwiżiti mniżżla fir-regolament 16, l-Awtorità tista' tiddetermina, kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim bil-miktub bejn l-Awtorità u l-operatur u li jkun jipprovdi xort'oħra, hi nnifisha xi jkunu l-emissjonijiet għal attivitajiet imwettqa f'dik l-installazzjoni għal dik is-sena ta' moniteraġġ. L-Awtorità għandha tutilizza l-aħjar *data* disponibbli u tiżgura li ssir stima konservattiva li ma tkunx tissottovaluta l-emissjonijiet. Meta l-emissjonijiet annwali jiġu stabbiliti taħt dan is-subregolament, l-Awtorità għandha tqis ir-rekwiżiti mniżżla fl-Iskedi 3 u 4:

Iżda l-Awtorità għandha tavża lill-operatur tal-installazzjoni dwar l-emissjonijiet kif determinati u l-metodoloġija użata biex jiġu determinati tali emissjonijiet:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha tniżżel l-ammont ta' emissjonijiet kif determinat skont dan is-subregolament fir-Reġistru tal-Unjoni.";

(ċ) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(4) Fejn ir-rapport ta' verifika sottomess ma' rapport annwali fuq l-emissjonijiet jiddikjara nuqqasijiet ta' konformità pendenti jew rakkomandazzjonijiet għal titjib, l-operatur tal-installazzjoni għandu jippreżenta lill-Awtorità, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tas-sena meta r-rapport ta' verifika jkun inħareġ mill-verifikatur, rapport dwar it-titjib li jiddeskrivi kif u meta l-operatur ikun irretifika jew jippjana li jirretifika n-nuqqasijiet ta' konformità identifikati mill-verifikatur u jimplimenta t-titjib rakkomandat.

(5) L-Awtorità għandha, fi żmien raġonevoli, tapprova r-rapport dwar it-titjib u tinforma lill-operatur tal-installazzjoni bl-approvazzjoni tar-rapport. Fejn tqis li huwa neċessarju, l- Awtorità tista' titlob is-sottomissjoni ta' rapport dwar rivedut it-titjib.".

Jemenda r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

13. Ir-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit

b’dan li ġej:

"(1) Għall-perjodu li jispiċċa fil-31 ta’ Diċembru, 2020, operatur ta’ installazzjoni għandu, sat-30 ta’ April ta’ kull sena, iċedi għadd ta’ permessi, minbarra permessi taħt il-Kapitolu II, ugwali għall-emissjonijiet totali minn dik l-installazzjoni matul is-sena kalendarja preċedenti kif verifikati skont ir-regolament 16, jew kif stabbilit mill-Awtorità skont ir-regolament 17. Operatur ta’ installazzjoni ma jistax iċedi permessi taħt il-Kapitolu II għall-perjodu li jispiċċa fil-31 ta’ Diċembru, 2020.";

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(1a) Għall-perjodu li jibda fl-1 ta’ Jannar, 2021, u perjodi sussegwenti, operatur ta’ installazzjoni għandu sat-30 ta’ April ta’ kull sena, iċedi għadd ta’ permessi ugwali għall-emissjonijiet totali minn dik l-installazzjoni matul is-sena kalendarja preċedenti kif verifikati skont ir-regolament 16, jew kif stabbilit mill-Awtorità skont ir-regolament 17. Għall-perjodu li jibda fl-1 ta’ Jannar, 20121, u perjodi sussegwenti, operatur ta’ installazzjoni ma għandux ikun projbit milli jċedi permessi taħt il-Kapitolu II.

(1b) Permessi maħruġa minn awtorità kompetenti ta’ Stat Membru ieħor għandhom jiġu rikonoxxuti mill-Awtorità għall-iskop li jintlaħqu l-obbligi ta’ operatur ta’ installazzjoni taħt is-subregolamenti (1) u (1a).

(1ċ) Fejn ikun neċessarju, u sakemm jibqa’ neċessarju, skont deċiżjonijiet u regolamenti rilevanti adottati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE, operatur ta’ installazzjoni ma għandux iċedi permessi maħruġa minn Stat Membru li fir-rigward tagħhom ikun hemm obbligi li joħorġu mid-Direttiva 2003/87/KE li jkunu qed jiskadu.";

(ċ) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"(6) L-Awtorità għandha tippubblika l-isem ta’ kwalunkwe operatur li ma jkunx konformi mal-obbligu li jċedi biżżejjed permessi taħt is-subregolamenti (1) jew (1a).";

(d) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(7) Operatur li ma jċedix biżżejjed permessi kif meħtieġ taħt is-subregolamenti (1) jew (1a) biex ikopri l-emissjonijiet tiegħu matul is-sena preċedenti, jew li jkun għadu ma ċediex permessi biex ikopri l-emissjonijiet tiegħu matul kwalunkwe sena preċedenti, ikun soġġett għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva ta' mitt euro (€100) għal kull tunnellatta ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju mormi li għaliha l-operatur ma jkunx ċeda permessi."; u

(e) is-subregolament (10) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(10) Fejn operatur ta' installazzjoni jonqos milli jċedi permessi skont is-subregolamenti (1) jew (1a), l-amministratur tar-reġistru nazzjonali ma għandux jippermetti t-trasferiment ta' permessi jew tal-unitajiet tal-kontijiet l-oħra kollha mill-kont ta' proprjetà tal-operatur li jinfetaħ fir-rigward ta' dik l-installazzjoni sakemm l-operatur jikkonforma mar-rekwiżit li jċedi l-permessi:

Iżda l-amministratur tar-reġistru nazzjonali ma għandux jipprevjeni ċ-ċessjoni ta' permessi skont is-subregolamenti (1) u (1a) jew il-kanċellament ta' permessi skont is-subregolament (4), jew il-ħruġ ta' permessi bi skambju ma' CERs jew ERUs skont ir-regolament 20.".

Jissostitwixxi r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

14. Ir-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"24. Id-dħul li jsir mill-irkantar ta' permessi, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż awditjati biex tiġi amministrata l-EU ETS miftiehma bejn il-Ministeru responsabbli għall-finanzi u l-Awtorità, għandu jakkumula favur il-Fond Konsolidat.".

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

15. Minnufih wara r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Esklużjoni ta' installazzjonijiet żgħar li jkunu soġġetti għal miżuri ekwivalenti.

26. (1) Fejn operatur ta' installazzjoni ikun irrapporta, għal dik l-installazzjoni, emissjonijiet ivverifikati ta' anqas minn ħamsa u għoxrin elf (25,000) tunnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, u meta dik l-installazzjoni wettqet attivitajiet ta' kombustjoni, ikollha kapaċità termika nominali ta' anqas minn ħamsa u tletin (35) MW, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa f'kull waħda mit-tliet snin li jippreċedu n-notifika msemmija fis-subregolament (8) tar-regolament 11, l-Awtorità tista', wara konsulatazzjoni mal-operatur tal-installazzjoni u l-Ministru, tipproponi li teskludi dik l-installazzjoni mill-EU ETS:

Iżda dik l-installazzjoni għandha tkun soġġetta għal miżuri ekwivalenti li jkunu jiksbu kontribuzzjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet li tkun ekwivalenti għal dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll għandu jkun hemm lesti arranġamenti għall-moniteraġġ tal-emissjonijiet sabiex jiġi evalwat jekk l-installazzjoni li għaliha japplikaw miżuri ekwivalenti ma tarmix ħamsa u għoxrin elf (25,0000) tunnellata jew aktar ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, f'kwalunkwe sena kalendarja:

Iżda wkoll l-Awtorità tista' tistabbilixxi miżuri simplifikati ta' monitoraġġ, irrappurtar u verifika għal installazzjoni li għaliha japplikaw miżuri ekwivalenti jekk il-medja annwali ta' emissjonijiet verifikati ta' din l-installazzjoni bejn l-2008 u l-2010 humiex taħt il-ħamest elef (5,000) tunnellata fis-sena.

(2) L-Awtorità għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'installazzjoni li għaliha tkun proposta esklużjoni skont is-subregolament (1), qabel il-lista ta' installazzjonijiet skont is-subregolament (8) tar-regolament 11 tiġi sottomessa jew, l-aktar tard, meta dik il-lista hija sottomessa lill-Kummissjoni, u għandha tispeċifika l-miżuri ekwivalenti li japplikaw għal dik l-installazzjoni. L-esklużjoni tkun meqjusa li ġiet approvata jekk l-Awtorità ma tirċievix oġġezzjoni mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2003/87/EC.

(3) L-installazzjoni għandha tiġi eskluża wara ċ-ċessjoni tal-permessi fir-rigward tal-perjodu li matulu dik l-installazzjoni tkun fl-EU ETS. L-Awtorità ma għandhiex, fejn applikabbli, toħroġ aktar permessi liberi lil dik l-installazzjoni konformament mar-regolament 14.

(4) Fejn installazzjoni eskluża skont is-subregolament (1) tarmi ħamsa u għoxrin elf (25,0000) tunnellata jew aktar ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, f'kwalunkwe sena kalendarja, jew il miżuri ekwivalenti li japplikaw għal dik l-installazzjoni ma għadhomx fis-seħħ, l-istallazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS, mill-ewwel sena kalendarja wara s-sena meta l-installazzjoni tarmi ħamsa u għoxrin elf (25,0000) tunnellata jew aktar ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa. Installazzjoni li tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS tibqa' fil-EU ETS għal bqija tal-perjodu msemmi fir-regolament 11 li matulu tkun ġiet introdotta mill-ġdid.

(5) Fejn installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS konformament mas-subregolament (4), kwalunkwe permessi li jiġu allokati gratis skont ir-regolament 11 għandhom jingħataw mis-sena meta l-installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS. Il-permessi li jiġu allokati lil dik l-installazzjoni għandhom jiġu mnaqqsa mill-kwantità ta' permessi li jiġu rkantati konformament mar-regolament 12.

(6) Għal installazzjonijiet li ma kinux fl-EU ETS matul il-perjdou mill-2008 sal-2012, l-Awtorità tista' tapplika rekwiżiti ta' monitoraġġ, irrappurtar u verifika sabiex tiddetermina l-emissjonijiet fit-tlett snin li jippreċedu s-sena ta' notifika konformament mas-subregolament (2).

(7) L-Awtorità għandha tiżgura li n-notifika lill-Kummissjoni konformament mas-subregolament (2), konferma li l-arranġamenti għall-moniteraġġ tal-emissjonijiet ta' installazzjoni eskluża skont is-subregolament (1) huma lesti, u konferma li jekk l-installazzjoni eskluża skont is-subregolament (1) tarmi ħamsa u għoxrin elf (25,0000) tunnellata jew aktar ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunkwe sena kalendarja, dik l-installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS, jiġu magħmula disponibbli għall-pubbliku.

(8) L-Awtorità tista' teskludi sptar mill-EU ETS:

Iżda dik l-isptar tkun soġġetta għal miżuri ekwivalenti li jiksbu kontribuzzjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet li jkun ekwivalenti għal dawn ir-regolamenti.

Esklużjoni elettiva ta' installazzjonijiet li jarmu anqas minn 2,500 tunnellata.

27. (1) Fejn operatur ta' installazzjoni jkun irrapporta, għal dik l-installazzjoni, emissjonijiet anqas minn żewġt elef u ħames mitt (2,500) tunnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, f'kull waħda mit-tlett snin li jippreċedu n-notifikazzjoni taħt is-subregolament (8) tar-regolament 11, l-Awtorità tista', wara konsultazzjoni mal-operatur tal-installazzjoni u l-Ministru, teskludi dik l-installazzjoni mill-EU ETS:

Iżda l-Awtorità għandha tinnotifika lill-Kummissjoni ta' tali installazzjoni qabel il-lista' ta' installazzjonijiet konformament mas-subregolament (8) tar-regolament 11 tiġi sottomessa jew, l-aktar tard, meta l-lista tiġi sottomessa lill-Kummissjoni:

Iżda wkoll li arranġamenti għall-moniteraġġ ta' emissjonijiet ikunu lesti biex jiġi assessjat jekk l-installazzjoni tarmix elfejn u ħames mitt (2,500) tunnellata ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunkwe sena kalendarja.

(2) Fejn installazzjoni eskluża skont is-subregolament (1) tarmi elfejn u ħames mitt (2,500) tunnellata jew aktar ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunkwe sena kalendarja, l-istallazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS, mill-ewwel sena kalendarja wara s-sena meta l-installazzjoni tarmi elfejn u ħames mitt (2,500) tunnellata jew aktar ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa.

(3) Fejn installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS konformament mas-subregolament (2), kwalunkwe permessi li jiġu allokati gratis skont ir-regolament 11 għandhom jingħataw mis-sena meta l-installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS. Il-permessi li jiġu allokati lil dik l-installazzjoni għandhom jiġu mnaqqsa mill-kwantità ta' permessi li jiġu rkantati konformament mar-regolament 12.

(4) L-Awtorità għandha tiżgura li n-notifika lill-Kummissjoni konformament mas-subregolament (1), konferma li l-arranġamenti għall-moniteraġġ tal-emissjonijiet ta' installazzjoni eskluża skont is-subregolament (1) huma lesti, u konferma li jekk l-installazzjoni eskluża skont is-subregolament (1) tarmi elfejn u ħames mitt (2,500) tunnellata jew aktar ekwivalenti ta' dijossidju tal-karbonju, esklużi l-emissjonijiet mill-bijomassa, fi kwalunkwe sena kalendarja, dik l-installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS, jiġu magħmula disponibbli għall-pubbliku.

Esklużjoni elettiva ta' unitajiet ta' riserva u ta' emerġenza li ma joperawx aktar minn 300 siegħa.

28. (1) Fejn operatur ta' installazzjoni jinnotifika lill-Awtorità b'unitajiet ta' riżerva u ta' emerġenza li ma operawx aktar minn 300 siegħa kull sena f'dak il-perjodu ta' tliet snien li jippreċedi n-notifika taħt is-subregolament (8) tar-regolament 11, l-Awtorità tista', wara konsultazzjoni mal-operatur tal-installazzjoni u l-Ministru, teskludi dik l-unità mill-EU ETS:

Iżda l-Awtorità għandha tinnotifika lill-Kummissjoni ta' tali unità qabel il-lista' ta' installazzjonijiet konformament mas-subregolament (8) tar-regolament 11 tiġi sottomessa jew, l-aktar tard, meta l-lista tiġi sottomessa lill-Kummissjoni:

Iżda wkoll li arranġamenti għall-moniteraġġ ta' emissjonijiet ikunu lesti biex jiġi assessjat jekk l-unitajiet ta' riżerva u ta' emerġenza operawx aktar minn 300 siegħa fi kwalunkwe sena kalendarja.

(2) Fejn unità ta' riżerva u ta' emerġenza eskluża skont is-subregolament (1) topera għal aktar minn 300 siegħa fi kwalunkwe sena kalendarja, l-unità tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS, mill-ewwel sena kalendarja wara s-sena meta l-unità tkun operat aktar minn 300 siegħa.

(3) Fejn unità tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS konformament mas-subregolament (2), kwalunkwe permessi li jiġu allokati gratis fir-rigward ta' dik l-unità skont ir-regolament 11 għandhom jingħataw mis-sena meta l-installazzjoni tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS. Il-permessi li jiġu allokati lil dik l-installazzjoni għandhom jiġu mnaqqsa mill-kwantità ta' permessi li jiġu rkantati konformament mar-regolament 12.

(4) L-Awtorità għandha tiżgura li n-notifika lill-Kummissjoni konformament mas-subregolament (1), konferma li l-arranġamenti għall-moniteraġġ tas-sigħat ta' operat tal-unità eskluża kif previst fis-subregolament (1) huma lesti, u konferma li jekk l-unità eskluża skont is-subregolament (1) topera għal aktar minn 300 mitt siegħa, fi kwalunkwe sena kalendarja, dik l-unità tiġi introdotta mill-ġdid fl-EU ETS, jiġu magħmula disponibbli għall-pubbliku.".

Jemenda l-Iskeda 1 tar-regolamenti prinċipali.

16. Il-kliem "skema Komunitarja" kull fejn jidhru fl-Iskeda 1 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "EU ETS".